

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.6461 – TPV/Philips TV Business)**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
(2012/C 26/07)

1. Fl-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża TPV Technology Limited, ("TPV", il-Bermuda) beħsiebha takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll tal-impriża globali tat-televiżjoni tal-kulur ta' Philips ("Philips TV Business", il-Pajjiżi l-Baxxi) bl-eċċezzjoni ta' numru ta' pajjiżi li jinsabu barra miż-ŻEE.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - TPV hija fornitriċi ta' soluzzjonijiet permezz tal-iskrins, u hija attiva fl-iddisinjar u l-produzzjoni ta' firxa sħiħa ta' skrins tal-kompjuters personali u tat-televiżjoni kemm fuq il-bażi ta' manifatturi terzi ta' tagħmir oriġinali (oriġinal equipment manufacturer, OEM) għad-distribuzzjoni globali tagħha kif ukoll taħt il-marka proprja tagħha AOC,
  - Philips TV Business topera fil-manifattura tat-televiżjonijiet tal-kulur tal-marka Philips, fil-ġestjoni tal-marka tal-kumpanija fir-rigward tagħhom u fid-distribuzzjoni tagħhom fit-territorji relevanti li jaqgħu fit-tranżazzjoni.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6461 – TPV/Philips TV Business, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").